-

25 ta’ Jannar 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru. 35**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 19 ta’ Jannar 2010, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 34**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

**Minuti tat-Tkomplija tal-laqgha Nru. 34**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

Il-kunsillier Dalli ressaq mozzjoni u gie sseondat mis-sindku biex minghjar avviz jinbidel l-ordni tal-Agenda Item 7 tigi qabel item 2. Il-membri tal-kunsill approvaw.

**7 ) Ligi tal-Kunsill**

Is-Segretarju qassam fuq il-mejda il-Ligi tal-Kunsill biex il-Kunsilliera jaqrawaha il-Ligi tal-kunsill il- gdida. Din l- Item ser tigi diskussa fl-laqgha li jmiss.

**2) Korrispondenza**

**Item 2.1 - Memo 90** Is- Segretarju qara din il-memo li fiha hemm li l-Kunsill jista japplika ghal 24 skema ta' ghajnuna finanzjarja fuq diversi progetti. Il-Kunsillier Dalli qal li billi hawn dawn il-progetti kollha u fihom hafna xoghol biex naplikaw ghalihom kollha huwa issugerixxa li nqabdu lis-Sur Malcolm Borg bhala konsulent fuqhom u jithallas u jithallas skond dawn it-tariffi prezentati tal-fondi.

Is-Sindku issugerixxa li huwa flimkien mal-Kunsillier Dalli jiehu hsieb dawn l-progetti flimkien mas-sur Malcolm Borg. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**Item 2.2 – Ittra mill-Ghaqda Socjali Kristu Sultan** fejn qeghdin jitolbu l-uzu tas-Sala nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010. Il-Membri tal-Kunsill approvaw bil-Kundizzjoni li wara jnaddfu sewwa is-sala tal-kunsill.

**Item 2.3 – Ittra mil-Kuntrattur Noreen Xuereb** fuq il-Kont pendenti li ghandu il-Kunsill maghhom. Il-membri tal-kunsill approvaw li johrog pagament ta' €15,000.00 biex jibda jinqata il-konta pendenti li hemm fuq il-bankina ta' Triq Valletta Rd.

**Item 2.4 – Gemellag ma Paola Italia** – Il-Kunsill ircieva invit ta' gemelagg biex jatttendu 26 persuna mil-Lokalita ta' Paola mil-1 sas 6 ta' Mejju 2010. Is-Sindku issugerixxa li jitilghu il-Kunsilliera u s-Segretarju bil-mara jew partner kollha, Is-Sur Jason Silvio, Is-Sur Jason Caruana, is-Sur Lawrence Attard, is-sur Alfred Ellul Galea, is-Surmast David Sammut, is-Sur Albert Cassar, iz-zewg Assitant Heads tal-iskola Primarja A, is-sur Salvu Busutill , id-Direttur tal-habs u s-Sur Toni Gatt.

Il-Kunsill ser jhallas biss il-passag ma RynAir u l-ebda spejjes ohra specjalment tal-bagalji. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

Fil-jiem li gejjien ser issir laqgha ghaldawk kollha li ser jigu biex jinghtaw aktar dettalji.

**Item 2.5 – Is-Segretarju ressaq ittra ta' stedina minn Karskrona Sweden** ghal Kunsill biex jitla ghal konferenza li ser issir fuq il-progett tal-habs ta' kordin. Il-membri tal-Kunsill qablu li jitilghu is-segretarju ul- Kunsillier Dalli.

**<u>Item 2.6 – Ittra mill-Parocca Kristu Re</u>** fuq l-ktieb li hareg il-Kunsill fil-Milied u biex issir il-hlas ghal istampar tal-ktieb li ser johorgu. Il-membri tal-Kunsill approvaw il-hlas tal-ktieb.

**<u>Item 2.7 – Lehen Paola</u>** Is-Sindku li tinhareg l-edizzjoni ghax-xahar ta' Frar/ Marzu 2010 tal-Lehen Paola. Il-membri tal-Kunsill approvaw li biex johrog aktar ta' spiss jibqa jsir Black & White hlief dak ta' Lulju u d-Dicembru 2010.

**<u>Item 2.8 - Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda Memo 13</u>** Li tghid li Kunsill irrid jaghmel il-Laqgha tal-Lokalita sa Frar 2010.Il-membri tal-Kunsill idecidew li l-Laqgha tal-lokalita issir fil-15 ta' Frar u fil-11 ta' Frar issir laqgha biex napprovaw ir-Rapport ta-hidma. Is-Sindku qal li jrid jaghmel kumitat tal-finanzi biex jigi ippreparat il-Budget u l-Business Plan.

**<u>Item 2.9 – Skola San Gorg Preca</u>** qeghda titlob il-Kunsill jghina biex tixtri pjanti biex tizraghhom fl-iskola. Il-mmebri tal-Kunsill approvaw li nohorgu nofs l-ispejjez u ser jiehu hsibeha il-Kunsillier Seychell.

**<u>Item 2.10 – Ghaqda Socjali Kristu Sultan</u>** qeghdin jitlobu €300 ohra ghal –ispejjez kbar li kellhom biex jarmaw id-dwal tal-milied. Il-membri tal-Kunsill ma approvawx din is-somma minhabba li l-ewwel somma jahsbu li kienet biz-zejjed. Il-membri tal-kunsill qablu li tigi diskussa laqgha ohra.

**<u>3) Tender Street Sweeping u Public Convenience</u>**

Is-Sindku issugerixxa li jsir kumitat ta' hames persuni indipendenti mill-Kunsill biex rakkomandazzjoni fuq minn ghandu jintaghazel wara li jsirlhom interview. Il-membri tal-Kunsill ma ppprovawx li ghandu jsir kumitat u l-ahjar ikunu il-Kunsilliera li jaghzlu minn ghandu jiehu it-Tenders.

Is-Segretarju qassam lill-kunsilliera lista tal-Prezzzijiet ta' Kull Tender.

Is-Sindku issugerixxa li din l-item tigi diskussa fl-laqgha ohra li jmiss.

**<u>4) Gemellag</u>**

Din l-Item giet diskussa fil-Korrispondenza.

**<u>5) Eu funding</u>**

Din l-Item giet diskussa fil-Korrispondenza

**<u>6) Rendikont Milied Casal Paola</u>**

Is-Sindku talab li jsir rendikont id-dettaljat tal-ispejjes kollha li saru biex jigu ikkuntajti sewwa. Il-Membri tal-Kunsill qablu li cekk tal-Banda Kristu Re numru 2815 fil-lista tal-pagamenit ma jigix approvat ghalissa sakemm jgibu l-ircevuti kollha. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq cekk numru 2803 fuq l-ispejjjes li sar waqt l-wirja ta' Camilleri Cauchi dan l-ammont giet approvatli ghandu johrog.

**8 ) Time Parking Scheme**

Il-membri tal-Kunsill qablu li tigi diskussa fl-laqgha ohra.

**9) CCF Workers / Haddiema Assenjati mal-Kunsill**

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill jekk jridx jaghti xi forma ta’ Kumpens lill- haddiema tal-Commuinty working Scheme. Is-Sindku qal li jekk din tmur kontra il-Ligi tal-Kunsill huwa ma jaqqqbilx ma dan il-kumpens. Il-membri tal-Kunsill approvaw li ssir laqgha mal ministru l-ewwel.

Is-Segretarju qal li qieghed ikollu hafna problemi u battibekki kwazi kuljum man-nies tal-IPSL biex jwettqu ix-xoghol taghhom. Is-Sindku qal li ghandna naghmlu laqgha mal haddiema tal IPSL tat-twissija biex naghtuhom l-ahhar cans imbaghad jittiehdu proceduri ohra.

**10) Performance Bonus**

Wara diskussjoni il-membri tal-Kunsill approvaw li jinghata l-massimu tal-*Perfomance Bonus* kollu lill-haddiema tal-Kunsill ghax xoghol li wettqu is-sena l-ohra.

**13) Pagamenti**

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda lista ta’ pagmenti biex jigu approvati. Il-Membri tal-Kunsill approvaw din il-lista.

Il-Laqgha ghandha titkompla fl-istess nhar il-11a’ Frar 2010 fis 6.00pm.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-8.45pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | _______________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |